

Brussell, 26 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

14551/18

DEVGEN 219  
GENDER 44  
SUSTDEV 15  
SOC 725  
ONU 100  
ACP 120  
RELEX 990  
COHAFA 104  
COHOM 150

#### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

---

|                  |  |
|------------------|--|
| minn:            | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| fi:              | 26 ta' Novembru 2018   |
| lil:             | Delegazzjonijiet   |
| Nru. dok. preċ.: | 14027/18   |
| Suġġett:         | L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2017: it-tiġħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiġħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Novembru 2018) |

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2017: it-tiġħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiġħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE, kif adottati mill-Kunsill fit-3654 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Novembru 2018.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II fl-2017: it-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fl-azzjoni esterna tal-UE**

1. Globalment kien hemm progress sinifikanti lejn il-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom. Madankollu, il-kisbiet għadhom mhumiex uniformi bejn reġjun u ieħor u fil-pajjiżi. F'ħafna partijiet tad-dinja, il-bniet u n-nisa għadhom jitħallew lura u diskriminati b'mod sistematiku. Il-livell tal-parteciġazzjoni politika tan-nisa għadu baxx f'ħafna pajjiżi. Kuljum, b'mod persistenti u f'xi każijiet mingħajr preċedent, qed ikun hemm ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet.
2. Fi kważi l-pajjiżi kollha, in-nisa għadhom mhumiex meqjusa daqs l-irġiel fir-rigward tad-dħul, l-edukazzjoni ta' kwalità, it-taħriġ vokazzjonali u l-aċċess għas-saħħa jew għat-teknoloġija. Ħafna drabi, in-nisa m'għandhomx l-istess aċċess jew kontroll fuq riżorsi produttivi bħall-art. In-nisa u l-bniet għadhom qed iġorru piż sproporzjonat għal xogħol ta' kura bla ħlas. Minħabba n-nuqqas ta' ilma, sanità u iġjene, in-nisa u l-bniet għandhom diffikultà sproporzjonata biex jgħixu ħajja sikura, produttiva u b'saħħitha. L-inugwaljanzi abbażi tas-sess iwasslu biex il-faqar iħalli effett sproporzjonat fuq in-nisa u l-bniet, ixekkluhom milli jgawdu d-drittijiet tal-bniedem kollha tagħhom b'mod sħiħ u jċaħħduhom mill-opportunitajiet ta' benesseri.
3. Il-konflitti, l-impatt tat-tibdil fil-klima, id-diżastri naturali u l-ispostament furzat jaggravaw is-sitwazzjoni. Il-vjolenza sesswali u sessista tintuża għal skopijiet politiċi, ekonomiċi u militari. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjoni l-għoti tal-Premju Nobel għall-Paċi fl-2018 lil dawk li jaħdmu għal tmiem l-użu tal-vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra u l-konflitt armat. In-nisa u l-bniet qed jiġu ttraffikati, imjassra u saħansitra mibjugħa bħala merkanzija. Prattiki ta' ħsara bħall-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF) kif ukoll iż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzat għadhom jippersistu, u jikkostitwixxu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.

4. F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-acquis tal-UE, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri għall-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiġħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet bħala prijorità fl-oqsma kollha fejn tittieħed azzjoni. Il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-issodisfar tad-drittijiet tal-bniedem għan-nisa u l-bniet, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiġħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet huma prijoritajiet u objettivi ġenerali tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda essenzjali li tikkontribwixxi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Għad iridu jingħelbu għadd ta' ostakli. Mhux biss il-progress irid jitħaffef, iżda dak li nkiseb s'issa jeħtieġ li jitħares u jiġi ssalvagwardat minn kwalunkwe deterjorament jew reazzjoni negattiva.
5. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex is-17-il SDG jintlaħqu sal-2030, u jafferma mill-ġdid li l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet u t-tiġħ tal-pożizzjoni tagħhom jinsabu fil-qalba tal-Aġenda 2030, kemm bħala għan għalih waħdu kif ukoll bħala prijorità trasversali konsistenti mal-prinċipju li "ħadd ma jitħalla lura". F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-progress miksub fl-2017, partikolarment fir-rigward ta' SDG 5 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiġħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet kollha, SDG 1 dwar il-qerda tal-faqar, u SDG 8 dwar ix-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku, kif ukoll SDG 16 dwar il-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp bħala parti mir-rispons ġenerali tal-UE għall-Aġenda 2030 fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna.
6. Il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Mejju 2015 dwar is-Sessi fl-Iżvilupp kif ukoll fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2015 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020<sup>1</sup> (GAP II) u tal-11 ta' Diċembru 2017 dwar ir-Rapport Annwali tal-2016 dwar l-Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II u jtenni l-importanza li jiġu żgurati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-rappurtar u s-segwitu strateġiċi u effiċjenti tiegħu fir-relazzjonijiet esterni kollha tal-UE.

---

<sup>1</sup> 13201/15

7. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-GAP II kif ippreżentat fit-tieni rapport ta' implimentazzjoni annwali<sup>2</sup>, u jirrikonoxxi l-progress li sar fl-objettivi kollha għal bidla fil-kultura istituzzjonali, bħal tmexxija politika u maniġerjali aktar dedikata, it-tisħiħ fl-użu ta' għarfien espert intern u estern u ta' analiżi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, iż-żieda fl-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, speċjalment rigward il-proċessi baġitarji, kemm fost l-inizjattivi eżistenti kif ukoll dawk ġodda u ż-żieda fil-fondi dedikati. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-objettivi ta' bidla fil-kultura istituzzjonali għandu jibqa' jiġi msaħħaħ u rappurtat kontinwament.
8. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjoni d-dimensjoni reġjonali tar-rapporti li ser tiffaċilita l-evalwazzjoni tal-progress reġjonali li sar fl-implimentazzjoni, l-identifikazzjoni ta' prattiki tajba u l-bżonnijiet għal titjib. Jilqa' wkoll b'sodisfazzjoni t-twessigħ tal-ambitu tar-rapport li, għall-ewwel darba, jinkludi informazzjoni minn oqsma bħar-riċerka u l-innovazzjoni, il-kummerċ, u l-mobbiltà internazzjonali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli b'dawn l-isforzi. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' ż-żieda fl-attenzjoni għal temi speċifiċi rrappurtati, bħall-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, il-parteċipazzjoni politika tan-nisa, l-aċċess tagħhom għas-servizzi finanzjarji, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni ekonomika tan-nisa u l-bniet.
9. Filwaqt li jirrikonoxxi x-xejra pożittiva, il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri għandhom iżidu sostanzjalment l-isforzi tagħhom biex jilhqqu l-ħames standards minimi ta' prestazzjoni<sup>3</sup> indikati mill-GAP II bħala l-punt tat-tluq għal approċċ trasformattiv u sensittiv għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni esterna u fil-kooperazzjoni internazzjonali kollha tal-UE. Li jintlaħqu dawn il-ħames standards hija kundizzjoni essenzjali biex tintlaħaq il-mira ta' 85 %<sup>4</sup> stabbilita mill-GAP II, inkluż għall-Istati Membri.

---

<sup>2</sup> 13188/18 + ADD1+2 - SWD(2018) 451 final

<sup>3</sup> L-istandards minimi ta' prestazzjoni huma: (1) L-Indikatur 0 tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-OECD/DAC (indikatur li jagħti punteġġ lill-proġetti abbażi tas-sinifikat tad-dimensjoni tagħhom tal-ugwaljanza bejn is-sessi) huwa dejjem iġġustifikat; (2) l-analiżi tal-ugwaljanza bejn is-sessi ssir għas-setturi kollha ta' prijorità; (3) id-data diżaggregata skont is-sess tintuża kullimkien fil-proġett, iċ-ċiklu tal-programm u l-programmazzjoni; (4) l-għarfien espert dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi huwa disponibbli u jintuża f'waqtu fiċ-ċiklu tal-programm u fil-programmazzjoni; (5) l-objettivi tal-GAP II jintgħażlu biex isir rapport fuqhom.

<sup>4</sup> Biex l-ugwaljanza bejn is-sessi tiġi integrata f'85 % tal-inizjattivi l-ġodda kollha tal-UE sal-2020.

10. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom u f'dan il-kuntest, tibqa' impenjata favur is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR). B'kont meħud ta' dan, l-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-rispett tad-dritt ta' kull individwu li jkollu kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tiegħu, u li jieħu deċiżjonijiet b'mod liberu u responsabbli b'rabta magħhom, ħieles mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tisħaq ukoll fuq il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni sesswali u riproduttiva komprensiva, li tkun ta' kwalità u affordabbli, inkluż edukazzjoni sesswali komprensiva, u servizzi għall-kura tas-saħħa. Il-Kunsill jilqa' r-rappurtar dettaljat dwar l-attivitajiet tal-UE b'rabta mas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi kif deskritt fil-Kunsens Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp, u jenfasizza l-ħtieġa li titjieb il-metodoloġija ta' rappurtar globali. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jkomplu jiġu mobilizzati fondi addizzjonali u li jingħata appoġġ lill-partijiet ikkonċernati f'dan il-qasam.
11. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-atturi kollha tal-UE, inkluż l-Istati Membri, biex jibqgħu impenjati għall-prevenzjoni, il-ġlieda u l-prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u sessista, inkluż il-vjolenza bejn sħab intimi, Prattiki illegali bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili u ż-żwieġ tat-tfal, prekoċi u sfurzati, kif ukoll il-vjolenza sesswali u sessista marbuta ma' konflitti, il-fastidju u l-abbuż sesswali u l-vjolenza u l-intimidazzjoni ċibernetiċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa ta' għajjnuna lill-vittmi u jfakkar fl-impenn tal-UE għall-prevenzjoni, il-ġlieda u l-prosekuzzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza sesswali u sessista, inkluż dik kontra l-irġiel u s-subien, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ta' dawk li jgħaddu minnha. Il-vjolenza sesswali u sessista hija kemm kawża kif ukoll ir-riżultat tal-inugwaljanza bejn is-sessi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lin-nisa u l-bniet li jħabbtu wiċċhom ma' forom ta' diskriminazzjoni multipli li jinkroċjaw waħda mal-oħra, inkluż il-migranti, ir-refuġjati kif ukoll in-nisa u l-bniet b'diżabbiltà.

12. Il-Kunsill jilqa' l-opportunità mġedda mill-implimentazzjoni tal-GAP II għal aktar kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni, is-SEAE u l-Istati Membri, li turi progress lejn koerenza u koordinazzjoni strateġika aħjar fost l-atturi tal-UE fil-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' djalogi msaħħa ta' politika u ta' drittijiet tal-bniedem. Huwa kruċjali li din il-koerenza u din il-koordinazzjoni jinżammu f'dibattiti u f'fora internazzjonali, b'mod partikolari fil-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem, fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali u fil-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa, fid-Dibattitu Miftuħ tal-Kunsill tas-Sigurtà dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà kif ukoll fil-qafas tad-djalogi politiċi u tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mal-pajjiżi sħab.
13. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE u l-appoġġ tagħha għall-multilateraliżmu effettiv u għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli, kif murija pereżempju mis-sħubija mibdija bl-Inizjattiva Spotlight, inizjattiva bejn l-UE u n-NU għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet madwar id-dinja. Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa' r-rwol ewlieni moqdi mill-UE u mill-Istati Membri tagħha fl-appoġġ ta' inizjattivi internazzjonali għall-promozzjoni tat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet, għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, u jappella għall-kooperazzjoni kontinwa u sħubiji strateġiċi man-NU, ma' organizzazzjonijiet multilaterali oħra u mas-soċjetà ċivili bħala sħab kruċjali tal-UE f'dan ir-rigward. Il-Kunsill itenni l-impenn qawwi tal-UE għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-KSNU u r-riżoluzzjonijiet ta' segwitu tagħha. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għaż-żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti, fin-negozjati għall-paċi, fil-medjazzjoni u fil-konsolidazzjoni tal-paċi, partikolarment bil-promozzjoni tat-tmexxija min-nisa u bl-appoġġ għar-rwol tas-soċjetà ċivili u ta' organizzazzjonijiet tan-nisa fil-livell taċ-ċittadini. Il-Kunsill jagħmel referenza u jissottolinja s-sinerġiji mal-Approċċ Strateġiku tal-UE dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

14. Il-Kunsill jilqa' l-integrazzjoni aktar prominenti tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pożizzjonijiet u fid-djalogi politiċi tal-UE mal-pajjiżi sħab u jappella għal inkorporazzjoni regolari tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet u fil-politika u fid-djalogi politiċi kollha dwar setturi importanti oħra, bħax-xogħol, il-kummerċ, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, ir-riforma fl-amministrazzjoni pubblika, it-trasport, l-enerġija, l-agrikoltura, l-ambjent, l-educazzjoni, is-saħħa, l-infrastruttura u l-ICT.
15. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni qawwija mas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-GAP II u, b'mod aktar ġenerali, biex jintlaħqu l-SDGs. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE biex ikomplu l-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni tagħhom, u jsaħħuhom, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet. Dan jeħtieġ li jsir fil-livelli kollha tal-implimentazzjoni tal-GAP II, inkluż analiżi tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u tul il-programmazzjoni u ċ-ċikli tal-politika. Għandu jittieħed kont debitu tal-ħtieġa għal titjib fis-sigurtà u fis-sikurezza tal-organizzazzjonijiet tan-nisa u tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem.
16. Fl-istess ħin, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li l-irġiel u s-subien ikunu involuti fl-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi bejn is-sessi, li jkunu sensibilizzati aktar dwar l-impatt tal-inugwaljanzi bejn is-sessi u li jkun promoss ir-rwol attiv u sinifikanti tagħhom fl-appoġġ għall-bidla fl-imġiba, fl-indirizz tan-normi soċjali diskriminatorji u fil-ġlieda kontra l-isterjotipi tas-sessi.
17. Il-Kunsill jistieden lis-servizzi tal-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri biex sistematikament jużaw l-analiżi tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-data diżaggregata skont is-sess u l-indikaturi sensittivi għall-kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-identifikazzjoni, l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-proċessi ta' evalwazzjoni tul l-azzjoni esterna kollha tal-UE. Din hija prekondizzjoni biex l-approċċ tal-UE li għandu jwassal għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjoni esterna u fil-kooperazzjoni internazzjonali jsir realtà. Għandu jitqies jingħatax appoġġ, kemm finanzjarju kif ukoll tekniku, lill-pajjiżi sħab għall-produzzjoni u l-użu ta' statistiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

18. B'konsiderazzjoni tal-objettiv tar-rapport tal-GAP II li ta' kull sena jsir monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi mill-atturi kollha tal-UE, il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni u tas-SEAE li jinkludu data kwalitattiva fir-rapport tal-fażi li jmiss. Din l-analiżi għandha tkun l-ewwel pass lejn l-evalwazzjoni finali tal-implimentazzjoni tal-GAP II, kif mitlub mill-GAP II infisha li ser tiffirma l-bażi għall-kontinwazzjoni tal-GAP II. L-evalwazzjoni finali, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, għandhom jinkludu għadd ta' objettivi magħżula stipulati mill-GAP II, b'mod partikolari dawk marbuta mal-bidla fil-kultura istituzzjonali u mat-tiżni fil-pożizzjoni ekonomika tan-nisa. L-evalwazzjoni għandha tanalizza wkoll il-kontribut tal-GAP II lejn l-SDG 5 u l-Aġenda 2030. Barra minn hekk, il-Kunsill iħeġġeġ lis-Servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu jespjoraw mekkaniżmu ta' rappurtar u kwestjonarji simplifikati u aktar faċli għall-utent, u jipromwovu l-komunikazzjoni u l-iskambji dwar dik il-kwistjoni.

---